**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 193/2017**

**Il-Pulizija**

**Spiridione Zammit**

**Vs**

**Joseph Zammit**

Illum it-30 ta' Ottubru 2019;

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Zammit detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 562179M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-5 ta' April, 2011, ghall-habta tat-20:15 PM u hinijiet qabel, fi Triq Sammat, Rahal Gdid, saq vettura tal-ghamla Ssang Yong, numru tar-registrazzjoni EQZ219 u;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni kif ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Bernice Farrugia minn Rahal Gdid u Francis Farrugia minn Rahal Gdid u Clayton Cachia mill-Fgura skond kif iccertifikaw Dr. Stephanie Camilleri Reg. 5525, Dr. Attard Biancardi Reg. 3124 u Dr. S. Saliba minn Mater Dei.
2. Fl-istess cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni, jew ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna hsara fuq vetturi tal-ghamla Subaru, numru tar-registrazzjoni CAF093 ghad-detriment ta' Francis Farrugia minn Rahal Gdid u fuq

vettura tal-ghamla Toyota numru tar-registrazzjoni GBB382 ghad-detriment ta' Raymond Galea minn Haz-Zabbar.

3. Fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza.
4. Fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' April, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal seba' xhur prigunerija. *Inoltre*, skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Zammit, pprezentat fl-24 ta' April, 2017, fejn talab lil din l-Qorti tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata fir-rigward tal-imputazzjonijiet billi minflok seba' xhur prigunerija kif ukoll sospenzjoni tal-licenzja ghal zmien sitt xhur jinghata sentenza iktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Zammit huma s-segwenti w *cioe'*:-

> Illi l-aggravju tal-esponenti li huwa car u manifest, jirrigwardja l-fatt li *noncio* li l-Onorabbli l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni b'certu dettal, il-fatt li s-sewwieq l-iehor, Francis Farrugia, kien effettivament ikkontribbwixxa ghall-incident awtomobilistiku *de quo* bin-negligenza tieghu, u *cioe'*, permezz ta' negligenza manifestament kontributorja da parti tal-imsemmi Francis Farrugia, fil-fehma umli tal-esponenti, l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundanna lill-appellant ghal piena mposta hekk fuqu ta' seba' xhur habs *oltre* sospensjoni ta' sitt xhur tal-licenzja tas-sewqan, partikolarment in vista tac-cirkostanzi prevalenti.
>
> Illi fil-qasir, l-esponenti umilment jissottometti s-segwenti:
>
> i. Triq Sammat f'Rahal Gdid, hija triq *one way* ghat-telgha (u *dunque*, trid jew ma tridx, ikollok issuq b'certa velocita', mhux bilfors bi speed eccessiv, anke jekk bi prudenza u bi tharis tar-regolamenti tat-traffiku) u kull min jaf ben tajjeb il-lokalita', jaf li hija triq dejqa ta' karozza wahda *stante* li normalment ikun hemm serbut karozzi pparkjati man-naha tal-lemin taghha.
> ii. Minn tali Triq Sammat, tezisti triq *side street* wahda (qabel il-*main road* li twassal lejn id-direzzjoni tal-pjazza tar-Rahal Gdid). Din is-*side street* hija maghrufa bhala Triq Santa Ubaldiska (li ukoll hija triq

dejqa) u kien appuntu f'dik il-parti ta' Triq Sammat li hija kantuniera ma' Triq Santa Ubaldiska, ('il-*corners huma very sharp*' – xhieda PS 1495 *fol.* 21 kif ukoll l-iskizz *a fol.* 27) fejn sehh l-incident awtomobilistiku sfortunat. Sfortunat ghaliex konsegwenza tieghu, s-sewwieq Francis Farrugia spicca rikoverat ghal zmien twil l-isptar b'feriti ta' natura gravi permanenti.

iii. Fil-kamp penali b'mod partikolari, il-Qrati Nostrani dejjem taw piz ic-cirkostanzi kollha ta' kif seta' sehh u x'seta' wassal ghal incident awtomobilistiku, inkluz izda mhux limitatament, il-livell ta' negligenza kontributorja (li ser tigi specifikatament indirizzata iktar l-isfel) ta' kull parti nvoluta fl-incident, inkluz ta' terzi li setghu kkontribwew direttament jew indirettament ghall-incident, billi perezempju, hallew karozza pparkjata b'mod irregolari. Fil-kaz in dezamina, l-Ewwel Qorti osservat b'mod car li s-sewwieq l-iehor, Francis Farrugia, filfatt ikkontribwixxa bin-negligenza tieghu biex sehh l-incident *de quo*, izda tikkummenta li ma kienx l-uniku kontributur tal-*culpa*. Mhux ser tigi replikata l-parti tas-sentenza li permezz taghha, l-Onorabbli l-Ewwel Qorti giebet l-argumenti validi taghha kif irrizultawlha mix-xhieda u mill-provi mressqa quddiemha u dan a skanz ta' repetizzjoni, izda fl-umli fehma tal-esponenti, dak analizzat tajjeb u bir-reqqa mill-Onorabbli l-Ewwel Qorti dwar x'wassalha biex tikkonkludi li s-sewwieq l-iehor kien ikkontribwixxa bin-negligenza tieghu biex sehh l-incident awtomobilistiku, huwa ta' min ifahhru;

iv. Illi mill-provi stess, specifikament minn dak li xehed Francis Farrugia, ghandu jirrizulta li s-sewwieq Francis Farrugia, sostna ghal darba darbtejn (*fol.* 148) seduta mizmuma fl-isptar Mater Dei) illi hares 'il fuq u l-isfel ('*Hekk kif wasalt ghal kantuniera ma' Triq Sammat, waqaft u harist 'il fuq u l-isfel u dan peress li jien nghix hemm*'... ghaliex skond huwa, '*naf li t-toroq dojoq u naf kemm habtu hemm.*'... '*Jien harist 'il fuq u l-isfel u ma rajt lil hadd*'), u addirittura skond huwa, hareg bil-mod... '*ghaddejt kwazi kollni*', u *noncio*' spicca fl-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Tajjeb li jinghad, anzi jigi emfasizzat, illi *noncio*' li dik il-parti ta' Triq is-Sammat li hija kantuniera ma' Triq Santa Ubaldiska, ghandha 'il-*corners huma very sharp*' (xhieda PS 1495 *fol.* 21 kif ukoll l-iskizz *a. fol* 27), is-sewwieq Francis Farrugia addirittura rnexxielu jieqaf u rnexxielu jhares mill-vettura tieghu 'l fuq u l-isfel '*kemm ippermettieli l-angolu*' ...qabel ma hareg bil-mod bil-vettura tieghu li ma waqwafx fi kliemu stess '*dead stop*'... minghajr dawl tal-vettura tieghu mixghul... meta tali verzjoni hija msejjsa fuq zewg aspetti nverosimili aktar u aktar ghal xi hadd li suppost jaf it-toroq (tar-Rahal Gdid) peress li '*jien nghix hemm*' – u jien '*naf kemm habtu hemm*', u *cioe*';

a. Stante li Triq Santa Ubaldiska (kantuniera ma' Triq Sammat) hija dejqa, u b'kantunieri '*very sharp*', huwa kwazi jekk mhux addirittura fizikament impossibbli li sewwieq jieqaf fil-kantuniera sabiex ihares 'il

fuq u l-isfel... u fil-fehma umli tal-esponenti hija aktar konvincenti l-verzjoni tal-esponenti u *cioe'* li Francis Farrugia qabad u hareg bil-vettura tieghu minn Triq Santa Ubaldiska minghajr ma hares, kif huwa jsostni, 'il fuq u l-isfel;

b. Wiehed jistaqsi ghaliex Francis Farrugia (li huwa mir-rahal) u *dunque* jaf it-toroq daqshekk ben tajjeb, hass il-bzonn li jieqaf u jhares 'il fuq u l-isfel ta' Triq Sammat li ghandha kantunieri ma' Triq Santa Ubaldiska '*very sharp*' ... meta bhala persuna residenti li jghix hemm, suppost kellu jkun jaf li Triq Sammat hija *one way* li minnha jghaddi t-traffiku 'il fuq BISS? La hija *one way*, u *cioe'*, 'il fuq BISS... id-direzzjoni li kien tiela' minnha l-esponenti Joseph Zammit bil-vettura tieghu?

c. Illi tali nkosistenza da parti tas-sewwieq l-iehor kellha tittiehed in konsiderazzjoni mill-Onorabbli l-Ewwel Qorti mhux biss minhabba n-negligenza kontributorja tas-sewwieq Francis Farrugia izda wkoll, u forsi aktar importanti, minhabba li tali nkonsistenza timmina l-kredibilita' tal-imsemmi Francis Farrugia u kull dubju ghandu dejjem ikun favur l-appellant Joseph Zammit;

d. Illi l-punti fuq imsemmija manifestamenti juru li x-xhieda ta' Francis Farrugia mhux kredibbli tant li pprova, izda ma rnexxielux, jispjega li huwa mexa korrettament fis-sewqan tieghu meta fl-opinjoni umli tal-esponenti, kien appuntu Francis Farrugia li saq il-vettura tieghu b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni kif ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, liema agir irresponsabbli da parti tieghu, wassal ghall-incident *de quo*, u qed jigi sottomess li Francis Farrugia mhux talli ma kkontribwixix ghal negligenza kontributorja, izda aktar minn kontributorja ghaliex is-sewqan tieghu dakinhar fil-5 ta' April, 2011, fi Triq Sammat, kantuniera ma' Triq Santa Ubaldiska, f'Rahal Gdid, kif wiehed deciziv ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' dawn il-proceduri;

e. Illi ghandu jkun emfasizzat li bil-kantuniera tal-binja li tezisti fi Triq Ubaldiska qabel ma vettura taqsam fit-tela' tat-Triq Sammat, huwa prattikament difficli jekk mhux impossibli li wiehed jara minn qabel min ikun gej minn Triq Santa Ubaldiska tant li PS 1495 Joseph Muscat ikkonferma dan hekk kif citat fis-sentenza *de quo* tal-Onorabbli l-Ewwel Qorti, meta qal taht gurament illi t-Triq Santa Ubaldisk minn fejn kien gej is-sewwieq Francis Farrugia tidjieq u '*inti bilfors tigbed fuq in-naha l-ohra... biex int ma taqbadx sintendi l-hajt... il-corners huma very sharp... fit-toroq m'hemm l-ebda stop sign.*' L-istess xhud jghid ukoll li '*l-impatti kien bum bum u ma kien hemm l-ebda brake mark*.' Dan il-kumment huwa mportanti hafna stante li kif ga inghad, Triq Sammat hija ghat-telgha u Triq Santa Ubaldiska hija kkonsidrata bhala *side street*.

f. Illi huwa principju li jirregola s-sewqan li aktar hemm obbligu li wiehed joqghod attent ferm meta jkun ser johrog minn *side street* ghal go triq ohra, f'dan il-kaz in dezamina, Triq Sammat.

g. Illi *di piu'*, l-istess xhud, PS 1495 Joseph Muscat jiddiskrivi li l-vettura zghira Subaru (jghid '*qiesu wahda minn dawn it-toasters*') misjuqa minn

Francis Farrugia kellha daqqa ftit lura mill-bieba tal-passiggier, li wiehed jassumi fejn kienet Bernice Farrugia... liema fatt juri car li l-impatt tal-incident *de quo* kien sehh mill-vettura misjuqa mill-esponenti mal-bieba tal-vettura misjuqa minn Francis Farrugia li fl-opinjoni umli tal-esponenti, manifestament juri li l-vann Subaru verament qabad u hareg minn Triq Santa Ubaldiska biex jaqsam Triq Sammat minghajr ma ta ebda konsiderazzjoni ghal xi vettura li setghet kienet tiela' minn Triq Sammat aktar u aktar meta kien bil-lejl u z-zewg vetturi suppost kellhom id-dawl taghhom mixghul izda tas-sewwieq Francis Farrugia, kif huwa stess jammetti, ma kienx mixghul, u hawn wiehed jistaqsi, li s-sewwieq l-iehor Francis Farrugia ma rawhx id-dawl tal-vettura misjuqa mill-esponenti li kien tiela' minn Triq Sammat u minflok baqa' hiereg, kellu jwaqqaf il-vettura minn misjuqa?

h. Illi bir-rispett kollu lejn l-Onorabbli l-Ewwel Qorti, ma jistax ikun ikkonsidrat korrett il-kummenti li hemm fis-sentenza ghal darba, darbtejn, li mkien ma jissemma' illi l-esponenti kien naqqas il-velocita' jew waqaf f'xi hin hekk kif kien wasal f'salib it-toroq. Huwa minnu li l-Onorabbli l-Ewwel Qorti tirreferi b'certu dettal, ghall-fatt li s-sewwieq l-iehor kien ikkontribwixxa bin-negligenza tieghu ghall-incident *de quo*, izda huwa minnu wkoll li tali kummenti ma jirrizultawx fil-konfront tas-sewwieq l-iehor Francis Farrugia;

i. Illi huwa minnu li l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ccitat diverzi kazistika u awturi notevoli fil-qasam u dan fuq diversi pagni tas-sentenza; biss minn analizi tas-sentenzi jew awturi hekk citati, jirrizulta manifestament car li tali argumenti legali migjuba fil-konfront tal-appellant japplikaw *mutatis mutandi* versu s-sewwieq l-iehor bhal per ezempju, dak li gie citat min-Noti tal-Prof. Anthony Mamo, u *cioe'*, '*so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable.*' Jew dak citat mill-Codice Zanadelli u Codice Rocco dwar nuqqas ta' tharis tar-regoli, tan-nuqqas ta' hsieb, traskuragni, mperizja twassal ghal negligenza. Minn analizi ta' dak ampjament citat, wiehed ma jistax ma jasalx ghall-konkluzjoni li l-argumenti legali migjuba fis-sentenza huma verament applikabbli *mutatis mutandi* ghas-sewwieq l-iehor ghaliex it-tezi tal-esponenti kienet u ghadha li s-sewwieq l-iehor, Francis Farrugia, kien qabad u hareg minn Triq Santa Ubaldiska minghajr ma ha in konsiderazzjoni dak li kien '*foreseeable*' b'nuqqas ta' tharis tar-regoli tat-traffiku, tan-nuqqas ta' hsieb, traskuragni, mperizja li wasslet ghal negligenza kontributorja;

j. Illi *di piu'*, ukoll minn analizi stretta tas-sentenza ghandu jirrizulta li l-Onorabbli l-EwwelQorti, fil-fehma umli tal-appellant, ghamlet zewg assunzjonijiet ghal kollox zbaljati, u *cioe'*, f'pagna 17 fejn jinghad li '*fil-fatt Zammit jibqa ma joffri ebda nformazzjoni dwar dak li ghamel jew ra x'hin wasal f'salib it-toroq; indikazzjoni cara li ma ha ebda azzjoni differenti u baqa' ghaddej daqs li kieku triq wahda*' meta fir-realta, kif kien xehed l-istess appellant, '*kif wasalt kantuniera... minn hemm ma nafx x'gara... tghidlix x'gara. Hassejt daqqa.*' Anzi jghid ukoll li kien hariglu vann u li ma

> kellux cans jibbrejkja. Mela mhux l-appellant ma offra l-ebda nformazzjoni izda kien fl-impossibilita' li jghid x'kien gara minhabba d-daqqa li sofra huwa stess fizikament. Assunzjoni ohra hija f'pagna 18 tas-sentenza, li '*ghalhekk bilfors f'xi hin is-sewwieq li qed jezercita' l-attenzjoni dovuta u jsuq bil-galbu kellu bizzejjed hin biex jarah quddiemu; f'xi mument hu u u tiela' Triq Sammat Farrugia kien in his line of vision izda minkejja dan xorta baqa' ghaddej jsuq ghal go fih.*' Minghajr ma ttiehdet il-possibilita' li kien appuntu Francis Farrugia li kien mghaggel tant li minghajr dawl baqa ghaddej minn Triq Santa Ubaldiska u konsegwenza t'hekk l-impatt tad-daqqa kellu per forza jsehh fuq il-bieba tal-passiggier; ukoll f'pagna 18 tas-sentenza, hemm assunzjoni ohra li '*mill-provi ghalhekk jirrizulta li l-imputat naqas milli jzomm proper lookout...' haga li kien fl-impossibilita*' li ssir meta wiehed jikkonsidra li l-vettura ta' Franci Farrugia harget minn *sharp corner* minghajr ma waqaf jew naqqas l-ispeed tieghu bhal li kieku baqa ghaddej fi triq wahdu minghajr intersezzjonijiet, minghajr dawl (kif jammetti l-istess Francis Farrugia) u minghajr osservanza tar-regolamenti tat-traffiku aktar u aktar meta fi kliem Francis Farrugia stess... '*ghaddejt kwazi kollni*' sabiex b'kantunieri '*very sharp*', biex '*harist 'il fuq u l-isfel*' fi triq li hija *one way* l-isfel.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji imqanqla mill-appellant huma marbuta kemm mal-apprezament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti tal-fatti li wasslu ghal dan is-sinistru stradali, kif ukoll sussidjarjament mal-*quantum* tal-piena inflitta billi fil-fehma tieghu din kienet wahda eccessiva tenut kont tan-negligenza kontributorja tal-parti leza fis-sewqan tieghu, kif dikjarata mill-Ewwel Qorti stess fis-sentenza impunjata.

Illi ghalkemm issa fi stadju ta' revizjoni din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, madanakollu xortawahda tenut kont ta'l-aggravju imqanqal mill-appellant din il-Qorti trid necessarjament taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk

dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha u dan bil-ghan li jigi mistharreg jekk tezistiex xi raguni valida, jew impellenti li tista' twassalha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet biex taghmel l-imsemmi apprezzament[1].

Illi din il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi s-sentenza appellata hija wahda ferm erudita fejn l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni dettaljata tal-ligi u l-gurisprudenza in materja izda wkoll ghamlet ezami approfondit tal-fattispecje kollha li sawwru dan il-kaz, li din il-Qorti qajla ghandha ghalfejn tistharreg mill-gdid. Dan maghdud madanakollu fid-dawl tal-aggravji imqanqla l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi nhar il-5 ta' April 2011 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filghaxija (8:15pm) il-pulizija ġew infurmati li kien sehh inċident stradali ġewwa Raħal Ġdid. Minn stharrig li sar irriżulta illi kienet sehhet ħabta bejn żewġ vetturi, wahda tal-ghamla Subaru bin-numru ta' registrazzjoni CAF093 u ohra tal-ghamla Sang Yong bin-numru ta' registrazjoni EQZ219. Francis Farrugia, s-sewwieq tal-vettura Subaru kif ukoll bintu Bernice Farrugia sofrew griehi gravi f'dan l-incident, filwaqt li l-appellant kien qed jilmenta minn xi uġiegħ fl-istonku. Dawn in-nies flimkien mal-passiġieri rekbin mal-appellant, certu Melvin Scorfna u Clayton Cachia, lkoll gew meħuda l-isptar fejn irriżulta illi Francis Farrugia, kien qed isofri minn ksur f'għonqu tant illi huwa gie ipparalizzat minn għonqu 'l isfel. L-appellant sofra ferita ħafifa u l-istess Clayton Cachia, filwaqt li Melvin Scorfna li kien bilqegħda fuq wara tal-vann Ssangyong, ma sofra minn ebda ġrieħi.

Minn stħarriġ ulterjuri li sar mill-pulizija, rriżulta illi l-habta bejn dawn iz-zewg vetturi sehhet f'salib it-toroq bejn Triq Sammat u Triq Sant'Ubaldeska gewwa Rahal il-Gdid u dan meta l-vittma kien qed isuq fi Triq Ubaldeska u beda jisporgi biex

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

johrog u jaqsam Triq Sammat. F'dan il-mument seħħ l-impatt mal-vettura misjuqa mill-appellant u li kienet tielgha minn Triq Sammat. L-impatt kien wiehed qawwi u vjolenti tant illi mad-daqqa s-Subaru ta' Farrugia ġarrbet hsarat estensivi fuq il-ġenb tagħha iktar lura mill-bieba tal-passiġier ta' quddiem u tkaxkret diversi piedi 'il fuq fi Triq Sammat fejn baqghet dieħla ukoll f'vettura oħra li kienet ipparkjata f'din l-istess triq.

Meta l-appellant ġie mitkellem mill-pulizija saħaq li ma kienx qed isuq b'veloċita u ċaħad kategorikament li kien taħt l-influwenza ta' xorb jew droga. Hu saħaq li kien tiela' Triq Sammat u ħass daqqa kif qabeż il-ħanut "Spot On" u minn hemmhekk ma jiftakar xejn aktar. Farrugia minn naha tieghu jishaq illi huwa hareg minn Triq Ubaldeska sabiex jaqsam Triq Sammat b'velocita minima u kien kwazi qasam t-triq meta sehh l-impatt. Qabel qasam it-triq huwa vverifika li ma kenux gejjien vetturi u hareg bil-mod hafna. Ghalkemm l-incident sehh fix-xahar ta' April ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija Farrugia jishaq illi d-dwal tal-vettura ma kienx xeghelhom billi dehrlu li kien ghad hemm bizzejjed dawl fit-triq f'dak il-hin.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-addebitu tar-reċidiva, l-appellant gie mixli bir-reati tal-offiza ta' natura involontarja kif ukoll dik tal-hsara volontarja u tar-reati ravvizati fil-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellmu, fl-artikolu 15 tieghu, dwar is-sewqan traskurat u negliġenti kif ukoll sewqan eċċessiv, kif mahsub fil-leġislazzjoni sussidjarja 65.11. Illi kif inghad l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni dettaljata tal-ligi u l-gurisprudenza li isawwru dawn ir-reati, li din il-Qorti a skans ta' repetizzjoni qed taghmel taghha.

Illi ghalkemm mir-rikors tal-appell jidher illi l-appellant qiegħed jisħaq illi hu ma kellux jinżamm responsabbli għall-inċident stradali mertu tal-kaz u dan peress illi fil-fehma tiegħu l-inċident in kwistjoni kien unikament it-tort tal-parte ċivile Francis Farrugia, madanakollu fl-istess nifs ifaħħar il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti meta din saħqet illi kien hemm in-negligenza kontributorja minn naha tal-parti leza Farrugia. Ciononostante, imbaghad donnu huwa tal-fehma illi dan ma kienx kaz biss ta' xi negligenza kontributorja fejn allura hemm in-negligenza proprja tieghu wkoll, izda kien kaz fejn it-tort ghas-sinistru stradali kien unikament

attribwibbli lil parti leza Farrugia. Kontradizzjoni illi din il-Qorti tqies jirrendi konfuzjonarja it-talba tieghu ghar-revoka *in toto* tad-decizjoni impunjata.

L-appellant ukoll jisħaq illi l-parte ċivile ma kienx kredibbli fix-xhieda tiegħu u dan meta huwa saħaq li meta wasal f'salib it-toroq waqqaf u ħares iż-żewġ naħat tat-triq, 'il fuq u 'l isfel qabel ħareġ, meta t-triq kienet direzzjoni *one way*. Dan ghalih ifisser illi Farrugia qabad u ħareġ u ma kienx qed izomm dak il-*proper lookout* minnu mehtieg kif ikkonkludiet fuq kollox l-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-proċess kollu u kkunsidrat akkuratament id-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha kif prodotti kif ukoll id-dokumenti eżebiti inkluż l-iskizz u ritratt uniku tax-xena li ġie skattat minn fuq bejt ta' residenza fl-istess triq fejn seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Sfortunatament dan ir-ritratt ma jitfax dawl fuq l-inkroċju fejn seħħ l-impatt iżda jindika biss kif spiċċaw il-vetturi wara l-incident. Dan jindika illi l-karrozza ta' Farrugia sfat imkaxxra aktar 'il fuq mill-post fejn sehh l-impatt. Illi fil-fehma tal-Qorti l-ispustjament tal-vettura mad-daqqa abbinat mal-hsarat konsiderevoli li kien hemm fiz-zewg vetturi u l-griehi gravi li sofra l-parti leza Farrugia jindikaw indubbjament illi l-impatt kien wiehed qawwi hafna, tant allura illi necessarjament l-element tal-velocita' kien il-kagun ewlieni ta' dan is-sinistru.

Illi allura ghalkemm l-appellant igħid li Triq Sammat hija triq għat-telgħa u pjuttost dejqa b'karrozzi ipparkjati fuq naha wahda taghha, tant ghalhekk illi jishaq li ma seta' qatt isuq b'veloċita' eċċessiva, madanakollu din l-affermazzjoni ma tistax titwemmen u hija kontradetta bil-provi cirkostanzjali. Tant hu hekk illi ghalkemm kellu vizwali tajba tat-triq, xortawahda ighid illi huwa lanqas biss induna bil-vettura tal-parti leza hierga mit-triq laterali hlief wara li sehh l-impatt, indikazzjoni cara illi huwa ma kienx attent ghal dak li kien qed jigri quddiemu. Illi fil-fatt fuq ix-xena tal-incident lanqas ma gew misjuba xi brejk marks li kienu jkunu indikattivi li l-appellant ipprova jiehu xi azzjoni evasiva. Li kieku dan kien minnu, l-impatt ma kienx ikun wiehed qawwi u l-vettura ta' Farrugia ma kinitx titkaxxkar għal sitta u għoxrin pied 'il fuq u għat-telgħa, kif evidenzjat ukoll mir-ritratt esebiet in atti. Mhux biss, izda mad-daqqa Bernice Farrugia spiċċat barra mill-karrozza filwaqt illi

Francis Farrugia spiċċa mixħut fuq is-siġġu tal-passiġier b'parti minnu wkoll barra mill-vettura. Finalment il-ġrieħi sofferti partikolarment minn Farrugia huma wkoll indikattivi tal-estent u tas-saħħa tal-impatt li sfortunatament wasslu sabiex hu ser jibqa' jbati minn konsegwenzi irriversibbli ghal sahhtu minħabba dan l-inċident. Dan huwa ikkonfermat mill-kirurgu Joseph Borg li huwa tal-fehma illi l-griehi sofferti minn Farrugia konsistenti fi hsara irriversibbli fl-ispina ta' daharu hija kompatibbli ma' daqqa qawwija u vjolenti.

Fuq kollox:

> **'..Velocita` tista' tkun eccessiva anke jekk ma jeccedix dak regolamentari izda jeccedi dak dettat mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument'.**[2]

Fl-istess vena fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Robert Pace, din il-Qorti diversament ippresjeduta stqarret illi:

> **'Dik li tista' tkun velocita` "normali" ghal persuna mhux necessarjament tkun velocita` oggettivament addattata ghal lokalita` partikolari u ghal kundizzjonijiet ambjentali partikolari'.**[3]

Abbinat ma' dan il-fattur determinanti li wassal ghal dan is-sinsitru stradali, huwa ukoll ippruvat mill-hsarat riskontrati fuq il-vettura ta' Farrugia li jinstabu kollha minn nofs il-vettura lura, illi l-vettura ta' Farrugia kienet lahhqet harrget u qassmet bicca sew mit-triq meta sehh l-impatt. Dan ġie kkonfermat minn Farrugia stess li stqarr li kien prattikament ħareġ għal kollox meta sehh l-impatt tant illi d-daqqa inħasset fuq in-naħa tal-passiġier wara l-bieba ta' quddiem. Illi allura irrispettivament mill-fatt illi Farrugia kien qed isuq bid-dwal mitfija (jishaq illi kien ghadu ma dalamx ghal kollox u id-dawl naturali li kien hemm f'dak il-hin kien bizzejejd beix huwa isuq komodament), liema fatt ġie kkundannat mill-Ewwel Qorti, l-appellant Zammit li kien qed isuq bid-dritt f'telgħa u bid-dwal tiegħu mixgħulin kellu ċans biżżejjed sabiex jinduna bil-vettura ta' Farrugia li kienet diġa' ħarġet għal nofs it-triq filwaqt li kien qed jaqsam l-inkrocju.

---

[2] Il-Pulizija vs Stephen Zammit deċiża nhar l-10 ta' Lulju 2002 mill-Imħallef Joe Galea Debono.
[3] Deċiża nhar it-8 ta' Ġunju 2001 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

Illi allura abbinat mal-velocita eccessiva fis-sewqan tal-appellant hemm ukoll id-disattenzjoni tieghu ghal dak kollu li kien qed jigri quddiemu. Sewqan allura, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti traskurat u negligenti.

Illi ghalkemm il-parti leza seta' ikkontribwixxa ghal dan is-sinistru, kif donnu jaqbel l-appellant mal-Ewwel Qorti, u dan b'mod ewlieni meta kien qed isuq il-vettura tieghu bid-dwal mitfija meta kien diga' beda ibexbex, ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta tal-appellant, izda dan il-fattur jista' jittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrazzjoni tal-piena.

> **'...f'materja kriminali n-negligenza kontributorja ta' hadd iehor ma teskludix in-negligenza proprju, ammenokke ma tkunx "aktar minn kontributorja", cjoe' deciziva ta' l-incident' jew 'jekk ma tkunx hi l-kawża unika tas-sinistru'[4].**

Illi fuq kollox anke il-konfigurazzjoni tal-post fejn sehh l-incident huwa tali illi jirrekjedi veloċita' rallentata u attenzjoni akbar mis-sewwieqa ghaliex it-toroq huma dojoq fejn l-immanuvrar huwa aktar ristrett u allura s-sewwieq irid joqghod aktar attent biex ma jkunx ta' periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tista' issib ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet studjati minnha maghmula tal-provi li hemm fl-atti. Dan ifisser allura illi l-ħtija tal-appellant għall-ewwel u r-raba akkuża ser jiġu kkonfermati. Bl-istess mod il-ħtija tiegħu ghat-tieni akkuża u ċioe ghal-ħsarat rekati fil-vetturi kollha involuti f'dan is-sinistru wkoll ser tiġi kkonfermata bħalma ser tiġi kkonfermata dik tat-tielet akkuża fejn fil-fehma ta' din il-Qorti u fid-dawl ta' ġurisprudenza nostrana kopjuża, l-komportament tal-appellant jaqa' fil-parametri ta' sewqan negliġenti u mhux perikoluż.[5]

---

[4] Pulizija vs Carmelo Mifsud deċiż nhar il-5.9.1953 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef William Harding. Ara wkoll fost oħrajn il-Pulizija vs Stephen Zammit deċiża nhar l-10 ta' Lulju 2002, Il-Pulizija vs Alfonso Abela deċiża nhar l-10 ta' Marzu 2005 u Pulizija vs Joseph Sultana deċiża nhar il-21 ta' Ottubru 2011.

[5] "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well." – Pulizija vs

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti marbut mal-*quantum* tal-piena mposta mill-Ewwel Qorti kif ukoll tat-terminu ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant, ghalkemm fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant ma iressaq l-ebda mottiv sabiex jissostanzja dan l-aggravju ghajr illi huwa jibqa' jishaq illi kellha tittiehed in konsiderazzjoni n-negligenza kontributorja tal-vittma.

Illi jibda biex jinghad illi l-piena mposta mill-Ewwel Qorti hija wahda li taqa' fil-parametri tal-liġi. Maghdud ma' dan l-appellant gie misjub hati wkoll li huwa recediv fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali sabiex b'hekk piena mhux restrittiva tal-liberta ma tistax tigi kkunsidrata. Mhux biss izda ghalkemm l-kaz jirrisali ghas-sena 2011, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, dan id-dewmien kien dovut ghal appellant innifsu. Din il-Qorti ma tistax ukoll tinjora l-fedina penali pjuttost refrattarja tal-appellant fejn huwa gie misjub hati ta' reati simili marbuta ma' kontravvenzjonijiet tat-traffiku. Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena fil-konfront tal-appellant, liema piena allura ghandha tibqa' invarjata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur

---

Alfonso Abela deċiż nhar l-10 ta' Marzu 2005, mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippresedut mill-Imħallef Joe Galea Debono.